

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-10 ta' Settembru 2008 — Evropaiki Dynamiki vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-59/05) ⁽¹⁾

(“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura Komunitarja ta' sejħa għal offerti — Provvista ta' servizzi ta' żvilupp, manutenzjoni u assistenza tas-sistemi ta' informazzjoni finanzjarja tad-Direttorat Ġenerali ‘Agrikultura’ — Kriterji ta' għażla u ta' għoti — Ċaħda tal-offerta ta' offerent — Obbligu ta' motivazzjoni — Assenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni — Prinċipji ta' diliġenza u ta' amministrazzjoni tajba”)

(2008/C 272/30)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: N. Korogiannakis, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: inizjalment K. Banks u E. Manhaeve, u sussegwentement E. Manhaeve u M. Wilderspin, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2004 li tiċħad l-offerta magħmula mir-rikorrenti fil-kuntest tas-sejħa għal offerti għall-provvista ta' servizzi ta' żvilupp u ta' manutenzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni, kif ukoll ta' servizzi ta' assistenza konnessi, intiżi għas-sistemi ta' informazzjoni finanzjarja tad-Direttorat Ġenerali “Agrikultura”, u li tagħti l-kuntratt lil offerent ieħor.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala infondat.
- 2) Il-Kummissjoni għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha kif ukoll wieħed minn ħamsa tal-ispejjeż inġarba minn Evro Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE.
- 3) Evropaiki Dynamiki għandha tbatlha minn ħamsa tal-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 106, 30.4.2005.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-10 ta' Settembru 2008 — JSC Kirovo-Chepetsky Khimichesky Kombinat vs Il-Kunsill

(Kawża T-348/05) ⁽¹⁾

(“Dumping — Importazzjoni ta' nitrato tal-ammonju li joriġina mir-Russja u mill-Ukraina — Tibdil fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat — Applikazzjoni ta' miżuri eżistenti għat-tipi l-ġodda tal-prodott”)

(2008/C 272/31)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: JSC Kirovo-Chepetsky Khimichesky Kombinat (Kirovo-Chepetsk, ir-Russja) (rappreżentanti: inizjalment, B. Servais u Y. Melin, imbagħad B. Servais, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix, aġent, assistit minn G. Berrisch, avukat)

Parti intervenjenti in sostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: E. Righini u K. Talabér-Ritz, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 945/2005, tal-21 ta' Ġunju 2005, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 658/2002 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjoni tan-nitrato tal-ammonju li joriġina mir-Russja u r-Regolament (KE) Nru 132/2001 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjoni tan-nitrato tal-ammonju li joriġina, *inter alia*, mill-Ukraina, wara r-reviżjoni interim parzjali skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 (ĠU L 160, p.1).

Dispożittiv

- 1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 945/2005, tal-21 ta' Ġunju 2005, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 658/2002 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjoni tan-nitrato tal-ammonju li joriġina mir-Russja u r-Regolament (KE) Nru 132/2001 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjoni tan-nitrato tal-ammonju li joriġina, *inter alia*, mill-Ukraina, wara r-reviżjoni interim parzjali skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, huwa annullat.
- 2) Il-Kunsill għandu jbatlha l-ispejjeż tiegħu u dawk sostnuti minn JSC Kirovo-Chepetsky Khimichesky Kombinat.
- 3) Il-Kummissjoni għandha tbatlha minn ħamsa tal-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 281, 12.11.2005.